# Il-Knisja ta' San Publju f'Ta' Għammar, Għawdex

Kitba ta' **Chev. Mario Coleiro OSJ.**



Meta wieħed iħalli s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex u jgħaddi mit-triq li minn dan is-Santwarju tieħdok għar-raħal tal-Għasri, bilfors irid jgħaddi minn irħajjel ċkejken bl'isem Ta' Għammar. Dan l-irħajjel huwa pittoresk ħafna u fih naraw binjiet antiki li għadhom abitati u kkultivati. Dan jinsab taħt l-Għolja tal-Ġordan fejn insibu l-fanal li jġib l-istess isem.

Fi sqaq ċkejken li tidħol għalih bejn żewġ binjiet, tiġi f'wegħsa ċkejkna li ħija ddominata mill-faċċata ta' daqsxejn ta' kappella ħelwa iddedikata lil San Publju. Din il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u r-residenti tal-madwar jinqdew biha għall-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Oriġinarjament, hawnhekk, kienet wieqfa kappella oħra li kienet iddedikata lil San Leonardu li huwa l-padrun tal-kalzrati. Din il-kappella antika kienet inbniet fis-sena 1550, sena qabel l-assedju terribbli ta' Għawdex meta l-kursar Dragut kien ħarbat il-gżira ta' Għawdex kollha u kaxkar kważi lill-Għawdxin kollha fil-jasar. Wara dan l-assedju terribbli, Għawdex dam daqsxejn biex reġa' beda jqum fuq saqajh. Iżda maż-żmien, din il-gżira reġgħet bdiet titgħammar bin-nies u għalhek dawk il-knejjes li kienu sfaw abbandunati reġgħu bdew jintużaw



mill-ġdid. FL-inħawi Ta' Għammar, ftit li xejn reġgħu marru nies joqogħdu u l-knisja ta' San Leonardu spiċċat ħerba u mitluqa. Fis-sena 1654 l-Isqof Balaguer ipprofanaha u spiċċat f'rovina.

Kellhom jgħaddu madwar mitejn sena biex f'dan il-lok kellha terġa' tinbena knisja u kien propju fis-sena 1850 meta Dun Ġużepp Cassar daħal biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u jerġa' jibniha mill-ġdid. Meta kienu qegħdin isiru l-preparamenti għall-bini ta' din il-knisja, l-arċipriet tal-Għarb Dun Publju Refalo kien wera x-xewqa li din il-knisja tkun iddedikata lil San Publju. L-istes xewqa intweriet mill-Isqof ta' Malta Mons. Publju Maria dei Conti Sant u għalhek din il-knisja kellha tiġi ddedikata lil dan il-qaddis. Il-kanonku tal-Katidral Dun Tumas Pace qiegħed l-ewwel ġebla tagħha nhar is-26 ta' Lulju 1850. L-arċipriet tal-Għarb Dun Salv. Mizzi, f'isem l-isqof berikha nhar l-10 ta' Ottubru 1852. Il-Familja Mompalao tat b'donazzjoni l-kwadru Titulari li juri lil San Publju u dan tqiegħed fuq l-artal maġġur. Fil-knisja nsibu wkoll kwadri li juru lil Sant' Antnin ta' Padova, id-Duluri, l-Assunta, il-Qalb ta' Gesù u ta' Marija kif ukoll, kif jixraq, kwadru li juri lil San Leonardu. Insibu wkoll statwa ċkejkna tal-Madonna ta' Lourdes u oħra tal-*Ecce Omo*. Il-knisja għandha



tagħhom immortalaw is-sbuħija ta' dan l-irħajjel ckejken. Din il-knisja tkompli tagħti evidenza tal-kult u d-devozzjoni lejn l-ewwel Isqof ta' Malta San Publju Patrun tal-parroċċa tal-Floriana u wkoll fil-knisja li tinsab fuq il-grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Ma' dawn ta' min isemmi diversi kwadri fil-knejjes tagħna u statwi fit-toroq. Insibu statwa fuq iz-zuntier tal-parroċċa ta' San Gorg f'Ħal-Qormi, oħra mall-faċċata tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat . Statwa oħra hija dik li nsibu biswit id-Dawna fix-xatt tal-Belt Valletta u oħra f'niċċa fejn is-Salib tal-Marsa.

wkoll żewġ qniepen li u sagristija ċkejkna fuq in-naħa ta' wara.

L-arkitettura hija waħda, li għalkemm sempliċi xorta għandha ċerta eleganza. L-ambjent taL-madwar jikkumplimenta din il-knisja li mhux l-ewwel darba li dan il-pajsaġġ ħelu attira l-attenzjoni ta' artisti, li bil-kuluri u l-pniezel

Dan kollu jixhed id-devozzjoni lejn dan il-qaddis li skond it-tradizzjoni kellu l-oqsma u d-dar tiegħu fl-inħawi ta' Burmarrad fejn insibu l-fdalijiet ta' San Pawl Milqi u fejn, skont l-Atti tal-Appostli seħħ l-ewwel miraklu ta' San Pawl f'Malta meta fejjaq lil missier San Publju li kien il-Gvernatur ta' Malta.

# FRANS SAID

(Riċerkatur kontemporanju dwar il-ħajja ta' San Publju)

## *Rikonoxxut fost l-aqwa intellettwali tas-seklu 21*



l-Assoċjazzjoni hija kburija li wieħed mill-ewwel membri tagħha ġie rikonoxxut fost l-aqwa intelletwali tas-seklu 21 miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Bijografiji (IBC) f'Cambridge, l-Ingilterra. Il-bijografija ta' Frans Said, Furjaniz ser tkun qed tiġi ppublikata f'volum wieħed. F'dan il-volum ser ikun hemm miġbura l-aqwa elfejn ħassieba kontemporanji dinjin.

Frans Said huwa wkoll wieħed mir-riċerkaturi kontemporanji dwar il-ħajja ta' San Publju. Fuq dan is-suġġett hu kiteb diversi artikli.